



Brussell, 22 ta' Lulju 2026

CM 3755/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0429(COD)**

**CODEC
JAI
ENFOPOL
CRIMORG
IXIM
DATAPROTECT
CYBER
COPEN
FREMP
TELECOM
COMPET
MI
CONSOM
DIGIT
PROCED**

KOMUNIKAZZJONI

PROĊEDURA BIL-MIKTUB

Kuntatt: codecision.adoption@consilium.europa.eu

Tel./Fax: +32.2.281.2480

Suġġett: Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/58/KE fir-rigward tal-użu ta' teknoloġiji minn fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri għall-ipproċessar ta' data personali u data oħra għall-iskop tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online **(it-tieni qari)**

Bidu tal-proċedura bil-miktub:

– Approvazzjoni tal-emendi tal-Parlament Ewropew

Wara d-deċiżjoni li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2) ħa fit-22 ta' Lulju 2026 li tintuża l-proċedura bil-miktub, jekk jogħġobkom iddikjaraw taqblux mal-approvazzjoni tal-emendi tal-Parlament Ewropew għall-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari dwar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/58/KE fir-rigward tal-użu ta' teknoloġiji minn fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri għall-ipproċessar ta' data personali u data oħra għall-fini tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online, kif jinsabu fid-dokument 11703/26 u wara reviżjoni mill-ġuristi lingwisti fi PE-CONS 14/26.

Jekk jogħġobkom wieġbu "IVA", "LE" jew "ASTENSJONI".

Kwalunkwe dikjarazzjoni unilaterali għandha ssir fl-istess ħin tat-tweġiba għall-mistoqsija.

It-tweġibiet iridu jaslu għand is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill **malajr kemm jista' jkun u sa mhux aktar tard mill-Ħamis, 23 ta' Lulju 2026 fis-14:00 (ħin ta' Brussell)** u jintbagħtu lil: codecision.adoption@consilium.europa.eu.